MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 1095/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**Reuben u Nicia mizzewgin Caruana (I.D. Nri. 373078M u 403981M)**

**Il-Qorti -**

**Rat** ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. tal-10 ta' Novembru 2009 a fol. 1 tal-process li jaqra hekk -

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia datat fis-7 ta' Lulju 2004 (Dok. "A") u tal-iskrittura privata datata fit-28 ta' Awissu 2002 (Dok "B"), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Reuben u Nicia mizzewgin Caruana ;*

*2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Reuben u Nicia mizzewgin Caruana fis-somma ta' mija u disgha u erbghin elf, tmien mija u sitta u tletin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€149,836.41) kwantu ghal elf erba' mija u sebgha u hamsin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€1,457.68) bilanc ghad-debitu fil-"Overdraft Account" ta' Nicia Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C 1" sa "C 53") u kwantu ghal mija u tmienja u erbghin elf, tlett mija u tmienja u sebghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€148,378.73) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Reuben u Nicia mizzewgin Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "D 1 sa Dok D3" u "E1 sa E4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-22 ta' Mejju 2009 sad-data tal-effettiv pagament ;*

*3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti A u B) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Reuben u Nicia mizzewgin Caruana (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Reuben u Nicia mizzewgin Caruana li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici ;*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment ;*

*5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fit-2 ta' April 2009 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "F", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha –*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti A u B) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Reuben u Nicia mizzewgin Caruana (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Reuben u Nicia mizzewgin Caruana li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.*

*2. Tikkundanna lil Reuben u Nicia mizzewgin Caruana sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmienja u erbghin elf, tlett mija u tmienja u sebghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€148,378.73) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Reuben u Nicia mizzewgin Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "D 1 sa Dok D3" u "E1 sa E4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-22 ta' Mejju 2009 sad-data tal-effettiv pagament.*

*3. Tikkundanna lil Nicia Caruana sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erba' mija u sebgha u hamsin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€1457.68) bilanc ghad-debitu fil-"Overdraft Account" ta' Nicia Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C 1" sa "C 53") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-22 ta' Mejju 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata fit-2 ta' April 2009 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

**Rat** l-elenku ta' dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici flimkien mal-lista tal-persuni li indikat bhala xhieda.

**Rat** li r-rikors guramentat kien debitament notifikat lill-konvenuti (tergo ta' fol 28) li min-naha taghhom naqsu

milli jipprezentaw risposta guramentata u hekk baqghu kontumaci.

**Rat** li l-konvenuti kienu wkoll debitament notifikati bl-avviz tas-smigh tal-kawza (tergo ta' fol 29).

**Semghet** ix-xhieda ta' Joseph Borg Cardona bhala rapprezentant tal-bank attur fl-ewwel dehra tal-kawza li kienet illum 4 ta' Frar 2010 fid-9.00 a.m.

**Rat** li ghal dik l-udjenza dehret il-konvenuta Nicia Caruana izda mhux zewgha Reuben Caruana.

**Qieset** l-atti u d-dokumenti esebiti mill-bank attur.

**Billi l-provi attrici mhumiex kontradetti u d-domandi attrici jirrizultaw pruvati b'mod sodisfacjenti u kif trid il-ligi, fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fir-rikors guramentat, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------